**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 13 ta` Marzu, 2018.**

**Talba Nru: 443/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Anthony White**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-15 ta` Settembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tlett elef, tlett mija u tlieta u tletin Ewro, sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€3,333.57ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40370758, li dwaru kien ikkuntratta mal-kumpanija Mobisle Ltd, li ġiet amalgamata fis-soċjeta` attriċi b'effett mid-19 ta` Diċembru 2015, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali eżemuttiva bin-numru 743/2015.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja taċ-ċertifikat ta` amalgamazzjoni tas-soċjeta` Mobisle Communications Ltd fis-

soċjeta` attriċi (Dok. B1, fol. 3); (iii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta` attriċi ffirmat mal-konvenut (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 743/2015 (Dok. C, fol. 5) u (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok. D, fol. 6).

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li (i) s-somma mitluba mis-soċjeta` attriċi mhix dovuta minnu; (ii) kif ser jirriżulta mill-provi, is-servizz indikat kien biss għal ftit xhur, liema somma hi bil-wisq eċċessiva; (iiii) itt-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta fil-kawża; (iv) il-konvenut kien infurmahom li l-*mobile* kien insteraq u talabhom iwaqqfu s-servizz; u (v) hu ma ġiex notifikat bl-ittra uffiċjali ppreżentata fl-atti. Bl-ispejjeż.

Sema' x-xiehda ta` **Maryanne Camilleri**[1], *credit control officer* mas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba. Hija qalet ukoll li, mill-verifiki li għamlet, ma sabet ebda notament fir-rekords tas-soċjeta` attriċi li l-konvenut kien avżaha li nsteraqlu l-*mobile*, jew li kien talabha twaqqaflu s-servizz. Hija ppreżentat kopja tal-konvtijeit kollha li s-soċjeta` attriċi ħarġet lill-konvenut fuq dan is-servizz, bl-aħħar wieħed juri l-ispejjeż ġudizzjarji nkorsi mis-soċjeta` attriċi kontra l-konvenut. Spjegat ukoll li dawn il-kontijiet (Dok. MC1 sa MC9, fol. 16 sa 36) juru użu mill-konvenut tal-linja tat-telefonija b'telefonati, messaġġi u internet.

In kontro-eżami[2], Maryanne Camilleri eskludiet li għax-xhur ta` Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2013 kien hemm kontijiet li tħallsu.

Sema' wkoll ix-xiehda tal-konvenut **Anthony White**[3], li kkonferma li f'xi żmien kellu linja ċellulari bin-numru 79459411 u li s-servizz relattiv kien xtraħ mingħand is-soċjeta` attriċi. Huwa qal li fil-bidu ta` Novembru 2013, kien insteraqlu l-*mobile phone* li fuqu kellu din il-linja, wara li kien ilu għandu xhur u kien jużaħ. Qal li kien jużaħ kemm

[1] Ara xiehda fl-udjenza tas-16 ta` Jannar 2018, fol. 14 sa 15
[2] Ara xiehda fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2018
[3] Ara xiehda fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2018

biex iċempel u anke biex jibgħat il-mesaġġi. Dwar din is-serqa, il-konvenut qal li ċempel l-Għassa pero` ma marx jagħmel rapport. Qal li kien ċempel lis-soċjeta` attriċi, u tkellem ma’ ċertu Anġela, li qaltlu li kienet ser tagħlaqlu l-linja. Skond il-konvenut, wara li ta dak l-avviż, ma reġax irċieva kontijiet qabel ma rċieva l-karti bil-Qorti.

Skond il-konvenut, meta nsteraqlu t-telefon ċellulari, għamel ġimgħa joqgħod ġo *ġuesthouse* fi Triq il-Kajjikk Marsaxlokk, u mbagħad mar joqgħod għand ommu ż-Żejtun. Qal li l-indirizz taż-Żurrieq kien id-dar taż-żwieġ tiegħu meta kien għadu mizzewweg, u li kien mar joqgħod fil-*guesthouse* meta ssepara.

Il-konvenut ċaħad li ħu qatt uża internet, jew li ċempel barra minn Malta.

Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenut qal li kellu servizz mas-soċjeta` attriċi bil-kuntratt, u kien iħallas retta ta` erbgħin Ewro fix-xahar ta` dan is-servizz, li bih kellu disponibbli anke s-servizz tal-*internet* fuq it-telefon ċellulari. Huwa ddikjara li kien juża l-programm *Whatsapp* fuqu.

Il-konvenut għaraf il-firma tiegħu fuq il-kuntratt eżibit mis-soċjeta` attriċi.[4]

Il-konvenut ma kellux spjegazzjoni x’jagħti għall-osservazzjoni tad-difensur tas-soċjeta` attriċi li d-data tal-kuntratt li fuqu għaraf il-firma tiegħu (fol. 4) taqra 22 ta` Novembru 2013. Huwa aċċetta li dan it-telefon ċellulari kien xtraħ b’offerta li jħallas biss nofs il-prezz tiegħu.

Il-konvenut qal ukoll li, wara li nsteraqlu t-telefon ċellulari, kien mar f’fergħa oħra tas-soċjeta` attriċi f’Birżebbuġia u xtara telefon ċellulari ieħor, tat-tip Samsung Galaxy, b’linja oħra. Il-konvenut żied jgħid li t-telefon li nsteraqlu kien tat-tip S4.

Sema’ t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

---

[4] Fol. 4

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut għall-ħlas tal-prezz tas-servizz ta` telefonija ċellulari, bl-użu tal-internet, li provdietlu, skond kuntratt ta` bejniethom datat 22 ta` Novembru 2013 (fol. 4), li l-konvenut ikkonferma fuqu l-firma tiegħu. Dan il-kuntratt sar fil-ħanut Audio Images, aġent tas-soċjeta` attriċi, li jinsab armat f'Birżebbuġia, u s-servizz mixtri kien tat-tip Limitless 35. Mas-servizz, is-soċjeta` attriċi biegħet lill-konvenut, bi skont, telefon ċellulari tat-tip Samsung Galaxy S4.

Fix-xiehda tiegħu, il-konvenut irribatta r-responsabbilta` tiegħu għall-ħlas ta` dan il-kont. Huwa jinsisti li qatt ma għamel l-użu estensiv minn din il-linja, konsistenti f'użu ta` internet u telefonati barra minn Malta, li tagħhom qed titlob ħlas mingħandu s-soċjeta` attriċi b'din il-kawża.

Wara li qies sewwa l-provi dokumentali kollha eżibiti mis-soċjeta` attriċi, u l-ispjegazzjonijiet li ta l-konvenut dwar kif ġiet li xtara s-servizz mertu ta` din il-kawża, li jaċċetta li kien jappartjeni lilu, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni li, aktar iva milli le, il-konvenut qed jitfixkel bejn id-diversi *mobile phones*, u d-diversi servizzi ta` telefonija ċellulari, li xtara mingħand is-soċjeta` attriċi.

Is-soċjeta` attriċi qed tibbaża din it-talba tagħha fuq kuntratt, li l-konvenut jaċċetta li ffirma magħha, li pero` jidher li kien inkludi l-bejgħ ta` apparat tat-tip Samsung Galaxy S4, u li ġie ffirmat fil-ħanut Audio Images fit-22 ta` Novembru 2013. Skond dan il-kuntratt, il-konvenut ingħata skont fuq il-prezz tal-apparat telefoniku, filwaqt li xtara servizz b'tariffa msejħa 'Limitless 35'.

Huwa għalhekk ċar f'moħħ it-Tribunal, tal-anqas fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li skond ir-rakkont tal-konvenut, huwa xtara s-servizz mertu ta` din il-kawża, <u>wara</u> u mhux qabel, ma nsteraqlu t-telefon ċellulari preċedenti, li dwaru jgħid li kien għamel rapport mas-soċjeta` attriċi, u talabha twaqqaflu s-servizz.

Dwar l-ilment tal-konvenut li hu qatt ma rċieva kontijiet dwar dan is-servizz, kien jinkombi fuqu l-obbliġu li javża lis-soċjeta` attriċi bit-tibdil fl-indirizz tiegħu, aktar u aktar meta kien jaf tajjeb li l-indirizz indikat minnu f'Marsaxlokk kien indirizz temporanju, sakemm isib sistemazzjoni għalih innifsu aktar permanenti, li skond hu sabha ftit ġranet biss wara meta mar joqgħod fid-dar ta` ommu.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn mogħtija, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma mitluba ta` tlett elef, tlett mija u tlieta u tletin Ewro, sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€3,333.57ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**